MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 477/2000/1

**Avukat Dottor Vincent Galea LL.D.**
**Nominat b'digriet tal-24 ta' Frar, 2000**
**sabiex jirrapresenta lis-socjeta' S.S.B. Ltd**

**Vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti nomine wara li ppremetta u kkonferma bil-gurament:

1. illi permezz ta' ittra ufficjali prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti datata 14 ta' April 1999, l-intimat Kontrollur tad-Dwana ai fini ta' l-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili innotifika lir-rikorrent nomine b'dikjarazzjoni guramentata sabiex fi zmien jumejn jhallas s-somma ta' mitejn u erbgha u tmenin lira Maltin hamsa u sebghin centezmu (Lm284.75) dovuta

bhala attendenza ta' fizzjoni tad-Dwana skond id-Dokument anness u mmarkat bhala Dok B mal-imsemmija ittra;

2. Illi fid-dikjarazzjoni guramentata fuq indikata, l-intimat Alfred Pace bhala Kontrollur tad-Dwana kkonferma bil-gurament tieghu illi l-Gvern ta' Malta kif rapprezentat minnu huwa kreditur ta' S.S.B. Ltd. fis-somma ta' mitejn u erbgha u tmenin lira Maltin hamsa u sebghin centezmu (Lm284.75) dovuta bhala attendenza ta' fizzjali tad-Dwana skond id-dokument anness u mmarkat bhala Dok B.

3. Illi r-rikorrent jixtieq jikkontesta din id-dikjarazzjoni u dan ghas-segwenti motivazzjonijiet:

i. Fl-ewwel lok u preliminarjament, huwa mhuwiex edott mill-fatti ta dan il-kaz u ghaldaqstant jirriserva minn issa d-dirtt tieghu li jressaq dawk il-provi u eccezzjonijiet ohra li jkunu rilevanti fi stadju ulterjuri;

ii. Fit-tieni lok u minghajr pregudzzju ghas-suespost id-dikjarazzjoni guramentata tal-Kontrollura tad-Dwana mhiex mahlufa skond il-ligi u allura hija nulla u bla effett skond ma jindika d-dokument hawn anness u immarkat bhal Dok VG.

Talab bir-rispett illi din il-Onorabbli Qorti tiddikjara li t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana, kif dedotta fid-dikjarazzjoni guramentata hija fl-ewwel lok nulla u bla effett minhabba li mhiex mahlufa skond il-ligi u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-istess Kontrollur tad-Dwana.

Rat id-digriet taghha precedenti moghtija fid-9 ta' Marzu 2000 u fl-14 ta' April 2000 (fol 5 u fol 8 tal-atti).

Rat ir-rispsota tal-intimat (fol 9 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:

Illi preliminarjament id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-ittra ufficajli ai terminti tal-artikolu 46 kienet mahlufa korrettament skond il-ligi u ghaldaqstant hija valida u korretta, u tikkostitwixxi titolu ezekuttiv a bazi tal-istess provediment tal-ligi.

Illi fil-mertu is-somma ta’ mitejn erbgha u tmenn lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm284.75) hija dovuta fl-intier taghha mis-socjeta’ S.S.B. Limited, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Ghaldaqstnat l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti kif rapprezentata, bl-siepjjez kontra taghha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward dak premess fir-rikors in esami, ghandu jigi rilevat is-segwenti:-

a) Ir-rikorrenti qed jallega illi d-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-ittra ufficjali presentata a basi tal-artikolu 466 tal-Kaptioli 12 tal-ligijiet ta’ Malta ghandha tigi konsiderata bhala nulla u bla effett ghax “… mhux mahlufa skon dil-ligi”. Dwar dan il-punt, l-istess ittra ufficjali u dikjarazjzoni guramentata minn lfred Pace ‘qua’ Kontrollur tad-Dwana jinsabu anness mal-atti a fol 3 u fol 4 kif ukoll a fol 35 u fol 36 tal-atti. In rigward dan, war ali giet esaminata l-imsemmija <u>dikjarazzjoni</u> jidher li din giet iffirmata mill-intiamat izda ma gietx iffirmata mill-‘Commisioner for Oaths’ li quddiemu u fil-presenza teighu, giet konfermata that gurament. Dan, certament, sar <u>bi svista</u> u ghalhekk il-Qorti tara li ma ghadhiex tikkunsidra l-sitess dikajrazzjoni bhala nulla u bla effett. Semplicement a basi ta’ dan l-izball tkniku u formali.
b) Mill-atti jidher car li r-rikorrenti nomine ghamel kull sforz possibbli sabiex jaghmel kuntatt ma xi persuna involuta fit-tmexxija tas-socjeta’ rikorrenti, liema sforzi keinu ghal xejn. Dwar dan il-punt, hu sufficcjenti li ssir referenza ghall-fotokopja ta’ ittra esebita a fol 37 tal-istess atti.

Illi, ghalhekk, ma hemm ebda dubbju illi d-dikjarazzjoni ghanha tigi kunsiderata bhala valida sostanzjalment avolja gie riskontrat in nuqqas kf hemm fuq deskritt li hu wiehed ta’ natura altament formali. Dan kien jkun differenti f’kaz li

ngiebet il-prova jew provi illi l-intimat, effettivament u fil-fatt, ma kienx ikkonferma, taht gurament, il-kontenut tal-istess dikjarazzjoni.

Illi, inoltre, ma ingieb l-ebda fatt a konjizzjoni tal-istess Qorti sabiex il-Qorti tista' tghid li l-ammont in esami ma hux dovut u dan avolja, kif di gja inghad, ir-rikorrenti nomine ghamel kull tentattiv possibbli ghal dan il-ghan.

Ghaldaqstant, il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjes kontra s-socjeta' rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------